



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' Lulju 2019
(OR. en)

11490/19

**Fajl Interistituzzjonali:
2019/0159(NLE)**

**ACP 94
COAFR 145
WTO 217
RELEX 747**

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	25 ta' Lulju 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 347 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-FSE stabbilit mill-Ftehim Preliminari lejn Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda, u l-Parti Afrika Ċentrali, fuq in-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni tar-regoli proċedurali għall-medjazzjoni, ir-regoli proċedurali għall-arbitraġġ u l-Kodiċi ta' Kondotta tal-arbitri

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 347 final.

Mehmuż: COM(2019) 347 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.7.2019
COM(2019) 347 final

2019/0159 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat tal-FSE stabbilit mill-Ftehim Preliminari lejn Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda, u l-Parti Afrika Ċentrali, fuq in-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni tar-regoli proċedurali għall-medjazzjoni, ir-regoli proċedurali għall-arbitraġġ u l-Kodiċi ta' Kondotta tal-arbitri

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tirrigwarda d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea ("l-Unjoni") fil-Kumitat tal-FSE stabbilit mill-Ftehim Preliminari lejn Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-parti Afrika Ċentrali, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim")¹, bil-għan tal-adozzjoni ta' deċiżjoni tar-regoli proċedurali għall-medjazzjoni, ir-regoli proċedurali għall-arbitraġġ u l-Kodiċi ta' Kondotta tal-arbitri.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Ftehim Interim ta' Sħubija Ekonomika UE - Afrika Ċentrali

L-għan tal-ftehim huwa li jistabbilixxi qafas inizjali għal ftehim ta' sħubija ekonomika reġjonali sħiħa f'konformità mal-Ftehim ta' Cotonou. Sa issa, il-Parti Afrika Ċentrali, hija magħmula mir-Repubblika tal-Kamerun. Mill-4 ta' Awwissu 2014, il-Ftehim ġie applikat fuq bażi proviżorja.

2.2. Il-Kumitat FSE

Il-Kumitat tal-FSE huwa l-korp istituzzjonali konġunt ta' dan il-ftehim. L-Artikolu 92 tal-ftehim jistipula li l-Kumitat tal-FSE ikun responsabbli mill-amministrazzjoni tal-oqsma kollha koperti mill-ftehim u mit-twettiq ta' kull kompitu msemmi fih. Il-Kumitat tal-FSE jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu bi qbil ġenerali. Il-funzjonament tal-Kumitat tal-FSE huwa deskritt fir-regoli ta' proċedura tiegħu².

2.3. Att stipulat mill-Kumitat tal-FSE

Fil-ħames laqgħa tiegħu fi [data], il-Kumitat tal-FSE għandu jadotta deċiżjoni li tirrigwarda l-Proċeduri ta' Qbil dwar is-Soluzzjoni tat-Tilwim ("l-att previst").

L-Artikolu 80(1) tal-Ftehim jistipula li "Il-Proċeduri ta' Qbil dwar is-Soluzzjoni tat-Tilwim stipulati fil-Kapitolu 3 huma mmexxija mir-regolament tal-proċedura u l-kodiċi ta' kondotta li se jkunu adottati mill-Kumitat tal-FSE."

L-Artikolu 88 tal-Ftehim jipprevedi li "Il-Kumitat tal-FSE jista' jiddeċiedi li jemenda dan it-Titolu u l-Annessi tiegħu."

L-għan tal-att previst huwa li jistabbilixxi r-regoli u l-proċeduri għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet previsti fit-Titolu VI tal-Ftehim għall-prevenzjoni u r-risoluzzjoni ta' kunflitti li jistgħu jinqalgħu bejn il-Partijiet. L-adozzjoni ta' dawn ir-regoli huwa element essenzjali biex jiġi finalizzat il-qafas operazzjonali għad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar il-Prevenzjoni u s-Soluzzjoni tat-Tilwim.

3. POŻIZZJONI LI TRID TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Din il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill tiddetermina l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tal-FSE stabbilit mill-Ftehim Preliminari ta' Sħubija Ekonomika

¹ ĠU L 57, 28.2.2009, p. 2

² ĠU L 17, 21.1.2017, p. 46

bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Parti tal-Afrika Ċentrali, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-istabbiliment tar-regoli proċedurali dwar il-medjazzjoni, ir-regoli proċedurali għall-arbitraġġ u l-Kodiċi ta' Kondotta għall-arbitri.

Il-partijiet għall-Ftehim qablu ma' dan l-abbozz ta' Deċiżjoni, u inizjalawh waqt ir-raba' laqgħa tal-Kumitat tal-FSE fit-18 u d-19 ta' Frar 2019 u, soġġett għall-proċeduri ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni Ewropea, għandhom jadottawh fil-laqgħa li jmiss tal-Kumitat tal-FSE, li għandha ssir fi tmiem l-2019.

Din id-deċiżjoni hija essenzjali sabiex id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim tal-Parti VI dwar il-Prevenzjoni u s-Soluzzjoni tat-Tilwim u, biex b'hekk tkun żgurata l-implimentazzjoni bla xkiel tal-Ftehim.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu “l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f' isem l-Unjoni f' sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim”.

Il-kunċett ta' “atti li jkollhom effetti legali” jinkludi atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effetti vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġislazzjoni adottata mil-leġislatura tal-UE”³.

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

Il-Kumitat tal-FSE huwa korp stabbilit minn Ftehim, jiġifieri l-ftehim preliminari lejn Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa, u l-Parti Afrika Ċentrali, min-naħa l-oħra.

L-att, li l-Kumitat huwa mitlub jadotta, jikkostitwixxi att li għandu effetti legali. L-att previst se jkun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali b'konformità mal-Artikoli 80 u 88 tal-Ftehim.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE tiddependi primarjament fuq l-oġġettiv u l-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tiġi meħuda pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak

³ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE trid tkun imsejsa fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik rikjesta mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-oġġettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst huma relatati mal-politika kummerċjali komuni. Għalhekk, il-baży ġuridika sostantiva tad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 207 TFUE.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-baży ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 207(4)(i) TFUE flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-FSE stabbilit mill-Ftehim Preliminari lejn Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda, u l-Parti Afrika Ċentrali, fuq in-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni tar-regoli proċedurali għall-medjazzjoni, ir-regoli proċedurali għall-arbitraġġ u l-Kodiċi ta' Kondotta tal-arbitri

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE"), u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 207(4) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Preliminari lejn Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda, u l-Parti Afrika Ċentrali, fuq in-naħa l-oħra ("il-Ftehim")⁴,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ġie konkluż f'isem l-Unjoni Ewropea ("l-Unjoni") permezz tad-Deċiżjoni 2009/152/KE⁵ u qiegħed jiġi applikat b'mod proviżorju mill-4 ta' Awwissu 2014.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 80(1) tal-Ftehim, il-Kumitat tal-FSE għandu jistabbilixxi r-Regoli ta' Proċedura u l-Kodiċi ta' Kondotta.
- (3) Skont l-Artikolu 88 tal-Ftehim, il-Kumitat tal-FSE jista' jiddeċiedi li jemenda t-Titolu VI tal-Ftehim u l-Annessi tiegħu.
- (4) Il-Kumitat tal-FSE fil-laqgħa annwali tiegħu fi [data] huwa mitlub jadotta deċiżjoni li tistabbilixxi r-Regoli ta' Proċedura dwar il-medjazzjoni u l-arbitraġġ u l-Kodiċi ta' Kondotta għall-arbitri.
- (5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni, fil-Kumitat tal-FSE, peress li d-deċiżjoni prevista se tkun vinkolanti fuq l-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Jenħtieġ li l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tal-FSE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat tal-FSE fir-rigward tar-regolamenti proċedurali u l-Kodiċi ta' Kondotta, li huwa meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

⁴ ĠU L 57, 28.2.2009, p. 2

⁵ JO L 57 du 28.2.2009, p. 1

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President